

Suġġett

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset illegalment milli taġixxi fil-proċedura ta' klawżola tas-sigurtà miftuħa fis-7 ta' Jannar 1998 mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u li tieħu deċiżjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 12, p. 82), fir-rigward tal-apparat mediku Inhaler Broncho Air®.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Christoph Klein huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 337, 7.10.2019.

Digriet tal-Qorti Čāġerali tal-10 ta' Lulju 2020 – Katjes Fassin vs EUIPO – Haribo The Netherlands & Belgium (WONDERLAND)

(Kawża T-616/19) (¹)

“Rikors għal annullament – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali WONDERLAND – Trade mark Benelux verbali preċedenti WONDERMIX – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Rikors manifestament kompletament infondat fid-dritt”

(2020/C 348/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmitz u M. Breuer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Čāġerali: Haribo The Netherlands & Belgium BV (Breda, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: A. Tiemann u C. Elkemann, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Lulju 2019 (Każ R 2164/2018-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Haribo The Netherlands & Belgium u Katjes Fassin.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.
- 2) Katjes Fassin GmbH & Co. KG hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti, fil-kuntest ta' din il-proċedura, mill-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Haribo The Netherlands & Belgium BV.

(¹) ĠU C 363, 28.10.2019.
